



## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 42/24

il-Lussemburgu, 5 ta' Marzu 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-755/21 P | Kočner vs Europol

### Ipproċessar tad-data: Il-Europol u l-Istat Membru fejn seħħ danna minħabba pproċessar illegali ta' data li seħħ fil-kuntest ta' kooperazzjoni bejniethom huma responsabbli *in solidum*

Is-suġġett tad-data li jkun biġsiebu jikseb kumpens sħiħ għad-dannu tiegħu mill-Europol jew mill-Istat Membru involut għandu juri biss li, fil-kooperazzjoni bejn dawn iż-żewġ entitajiet, ikun sar ipproċessar illegali ta' data li jkun ikkawżalu danna. Ma huwiex meħtieġ li huwa jistabbilixxi wkoll għal liema minn dawn l-entitajiet dan l-iproċessar illegali jkun imputabbli.

Wara l-qtil fis-Slovakkja, fil-21 ta' Frar 2018, ta' ġurnalista Slovakk u tal-għarusa tiegħu, Ján Kuciak u Martina Kušnírová, l-awtoritajiet Slovakk wettqu investigazzjoni estensiva. Fuq talba ta' dawn l-awtoritajiet, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) wettqet l-estrazzjoni tad-data maħżuna fuq żewġ telefoni mobbli li kienu jappartjenu lil Marian Kočner. Il-Europol ikkomunikat ir-rapporti xjentifiċi tagħha lil dan l-awtoritajiet u tagħthom hard disk li kien fih id-data kriptata estratta. F'Mejju 2019, l-Istampa Slovakkka ppubblikat informazzjoni dwar M. Kočner li ġejja mit-telefoni mobbli tiegħu, b'mod partikolari traskrizzjonijiet tal-komunikazzjonijiet intimi tiegħu. Barra minn hekk, f'wieħed mir-rapporti tiegħu, il-Europol indika li M. Kočner kien tqiegħed taħt detenzjoni għal preżunzjoni ta' reat finanzjarju sa mill-2018 u li ismu kien, b'mod partikolari, direttament marbut mal-"hekk imsejħa listi tal-mafja" u mal-"Panama Papers".

M. Kočner adixxa lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea b'talba għal kumpens ta' ammont ta' EUR 100 000 bħala kumpens mill-Europol għad-dannu morali li huwa qies li ġarrab minħabba l-iproċessar illegali tad-data tiegħu. Permezz tas-sentenza tad-29 ta' Settembru 2021<sup>1</sup>, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tiegħu. Hija kkonkludiet, minn naħa, li M. Kočner ma kienx ipproduċa l-prova ta' rabta kawżali bejn id-dannu allegat u l-aġir tal-Europol u, min-naħa l-oħra, li ma kienx ipprova li l-"hekk imsejħa listi tal-mafja" kienu ġew elaborati u miżmuma mill-Europol. M. Kočner appella quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li d-dritt tal-Unjoni jistabbilixxi sistema ta' responsabbiltà *in solidum* tal-Europol u tal-Istat Membru li fih ikun seħħ id-dannu wara pproċessar illegali ta' data li seħħ fil-kuntest ta' kooperazzjoni bejniethom. Fl-ewwel stadju, ir-responsabbiltà *in solidum* tal-Europol jew tal-Istat Membru kkonċernat tista' tiġi kkontestata rispettivament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jew quddiem il-qorti nazzjonali kompetenti. Fejn xieraq, it-tieni stadju jista' jinżamm quddiem il-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol sabiex tiġi ddeterminata r-"responsabbiltà aħħarija" tal-Europol u/jew tal-Istat Membru kkonċernat għall-kumpens mogħti lill-persuna fiżika leża.

**Sabiex tiġi stabbilita din ir-responsabbiltà *in solidum* fil-kuntest tal-ewwel stadju, il-persuna fiżika kkonċernata għandha turi biss li, fil-kooperazzjoni bejn il-Europol u l-Istat Membru kkonċernat, ikun sar ipproċessar illegali ta' data li jkun ikkawżalha danna. Kuntrarjament għal dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali, ma huwiex meħtieġ li din il-persuna tistabbilixxi barra minn hekk għal liema minn dawn iż-żewġ entitajiet ikun**

**imputabbli dan l-ipproċessar illegali.** Konsegwentement, **il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali** fuq dan il-punt.

Filwaqt li tiddeċiedi hija stess il-kawża, hija tiddeċiedi li l-ipproċessar illegali ta' data, li seħħ permezz tal-iżvelar lil persuni mhux awtorizzati ta' data dwar konverżazzjonijiet intimi bejn M. Kočner u l-ħabiba tiegħu wassal sabiex din id-data ssir aċċessibbli għall-pubbliku mill-istampa Slovakka. Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li dan l-ipproċessar illegali kiser id-dritt ta' M. Kočner għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tiegħu kif ukoll tal-komunikazzjonijiet tiegħu u ppreġudika l-unur u r-reputazzjoni tiegħu, li kkawżalu dannu morali. Il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti lil M. Kočner kumpens fl-ammont ta' EUR 2 000 bħala kumpens għal dan id-dannu.

**NOTA:** Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiegħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett sospensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża tkun fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' l kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sommarju](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



<sup>1</sup> Sentenza tad-29 ta' Settembru 2021, Kočner vs Europol, [T-528/20](#) (ara l-istqarrija għall-istampa [Nru 165/21](#)).